# Fil-Qorti tal-Maġistrati (Malta)

## Bħala Qorti ta` Ġudikatura Kriminali

*Maġistrat Dottor Aaron M. Bugeja M.A. Law, LL.D. (melit)*

**Il-Pulizija**

**(Spettur Jonathan Ransley)**

**Vs**

**Angelo Chircop**

Il-Qorti rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra Angelo Chircop li ghandu n-numru tal-karta tal-Identita` bin-numri 308092M li permezz taghha gie akkuzat li:

1. F'xi hin wara nofsinhar fit-28 ta` Dicembru, 2014, gewwa l-kumpless 'The Point', Sliema ikkommetta serq ta` telefon cellulari ta` ghamla Iphone 5s ghad-detriment ta` Michael Cuschieri u/jew persuna/i ohra, liema serq huwa aggravat bil-persuna u bil-valur liema ammont ma jeccedix is-somma ta` elfejn tliet mija u disgha u ghoxrin ewro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37);
2. F'xi hin wara nofsinhar fis-27 ta` Frar, 2015, gewwa l-ghassa tal-Pulizija tal-Qawra sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu jew ghal-haddiehor, f'xi dokument mahsub ghall-awtorita` pubblika xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif falz;
3. Ghamel xi qliegh iehor b'qerq, mhux imsemmi fl-artikolu ta` qabel dan is-sub-titolu (Sub-titolu III, fuq il-frodi) ghad-dannu tal-Pulizija ta` Malta u/jew entitajiet u/jew persuni ohra;
4. Fis-sena 2015 u x-xhur ta` qabel f'dawn il-gzejjer xjentement laqa ghandu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akwistati b'reat u cioe` *mobile phone* ta` ghamla Iphone 5s.

Rat id-dokumenti ezibiti;

Semghet il-provi prodotti u t-trattazzjoni;

Rat li l-hati ddikjara li hu hati tal-imputazzjonijiet numru tnejn, tliet u erbgha migjuba kontra tieghu;

Il-Qorti wissiet lill-imputat bl-aktar mod solenni rigward il-konsegwenzi tal-ammissioni tieghu ghall-imputazzjonijiet kontestati lilu, inkluz li minhabba n-natura tar-reat il-Qorti setghet tghaddi biex issibu hati u tikkundannah ghal piena li tista' tkun anke wahda karcerarja jew pieni ohra statutorji. Il-Qorti, wara li taghtu zmien bizzejjed sabiex anke jikkonsulta mal-Avukat Difensur u jiddeciedi jekk hux sejjer jerga lura mill-ammissjoni registrata minnu, semgha lill-imputat ittenni li huwa hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih.

Il-Qorti wara li rat l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet numru 2, 3 u 4 ma ghandhiex alternattiva ohra ghajr hlief li ssibu hati dwarhom.

## *DECIDE:*

Li ghalhekk wara li rat l-Artikoli 188, 309 u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta` Malta, il-Qorti filwaqt li ssib lill-imputati hati tal-imputazzjonijiet tqis li mhux spedjenti li twahhal piena lill-hati u wara li rat l-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta qeghda taghmel ordni li biha tilliberah bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien 3 snin mill-lum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta` Malta hija fissret lill-hati, bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti tal-ordni ghall-liberazzjoni kondizzjonata fis-sens li jekk jaghmel reat iehor matul dan il-perjodu ta` liberazzjoni kondizzjonata, il-hati jkun jista` jinghata sentenza ghar-reat originali.

***Moghtija illum 27 ta` Novembru, 2017 fil-Qrati tal-Gustizzja, Valletta.***

***Aaron M. Bugeja***